2024/2931

28.11.2024

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2931

tas-27 ta' Novembru 2024

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 fir-rigward ta' ċerti pjanti għat-tħawwil ta' *Prunus avium, Prunus canescens, Prunus cerasus, Prunus pseudocerasus* u *Prunus spinosa* li joriġinaw mir-Renju Unit, u r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 fir-rigward tal-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni ta' dawk il-pjanti għat-tħawwil fit-territorju tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar il-miżuri protettivi kontra pesti tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 228/2013, (UE) Nru 652/2014 u (UE) Nru 1143/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 69/464/KEE, 74/647/KEE, 93/85/KEE, 98/57/KE, 2000/29/KE, 2006/91/KE u 2007/33/KE [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 42(4), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 [2], abbażi ta' valutazzjoni preliminari tar-riskju, jistabbilixxi lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli.

(2) Bħala segwitu tal-valutazzjoni preliminari, fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 ġew elenkati b'mod proviżorju 34 ġeneru u speċi waħda ta' pjanti għat-tħawwil li joriġinaw minn pajjiżi terzi, bħala pjanti ta' riskju għoli. Dik il-lista tinkludi l-ġeneru *Prunus* L.

(3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 [3] jistabbilixxi l-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, iżda li r-riskji fitosanitarji tagħhom għadhom ma ġewx ivvalutati bis-sħiħ. Dan għaliex wieħed jew aktar mill-pesti li jgħixu f'dawk il-pjanti għadhom mhumiex inklużi fil-lista tal-pesti tal-kwarantina fl-Unjoni stabbiliti fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 [4], iżda jistgħu jissodisfaw il-kundizzjonijiet biex jiġu inklużi wara valutazzjoni tar-riskji kompluta ulterjuri.

[1] ĠU L 317, 23.11.2016, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/2031/oj.

[2] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 tat-18 ta' Diċembru 2018 li jistabbilixxi lista proviżorja ta' pjanti, prodotti tal-pjanti jew oġġetti oħra ta' riskju għoli, fis-sens tal-Artikolu 42 tar-Regolament (UE) 2016/2031 u lista ta' pjanti li ma jeħtiġux ċertifikati fitosanitarji għall-introduzzjoni tagħhom fl-Unjoni, fis-sens tal-Artikolu 73 ta' dak ir-Regolament (ĠU L 323, 19.12.2018, p. 10, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2018/2019/oj).

[3] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213 tal-21 ta' Awwissu 2020 dwar il-miżuri fitosanitarji għall-introduzzjoni fl-Unjoni ta' ċerti pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra li tneħħew mill-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 275, 24.8.2020, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/1213/oj).

[4] Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/2072 tat-28 ta' Novembru 2019 li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-miżuri protettivi kontra l-pesti tal-pjanti, u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2008 u jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/2019 (ĠU L 319, 10.12.2019, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/2072/oj).

(4) Fil-31 ta' Marzu 2023, ir-Renju Unit ([5]) issottometta lill-Kummissjoni talba għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' rimjiet bl-għejun/tilqim ta' *Prunus avium* ta' mhux aktar minn sena, b'dijametru massimu ta 12 mm; ta' pjanti għat-tħawwil f'materjal għat-tkabbir ta' *Prunus avium* u *Prunus avium* ta' mhux aktar minn 7 snin, imlaqqmin fuq is-salvaġġ ta' *Prunus avium*, *Prunus canescens*, *Prunus cerasus* jew *Prunus pseudocerasus*, b'dijametru massimu ta' 40 mm fil-bażi taz-zokk; ta' pjanti għat-tħawwil bl-għeruq mikxufin ta' *Prunus avium* u *Prunus avium* ta' mhux aktar minn 7 snin, imlaqqmin fuq is-salvaġġ ta' *Prunus avium*, *Prunus canescens*, *Prunus cerasus* jew *Prunus pseudocerasus*, b'dijametru massimu ta' 40 mm fil-bażi taz-zokk, u ta' pjanti għat-tħawwil f'materjal għat-tkabbir ta' *Prunus avium* ta' mhux aktar minn 15-il sena, b'dijametru massimu ta' 80 mm fil-bażi taz-zokk ("il-pjanti indikati fl-ewwel talba"). Dik it-talba kienet sostnuta mid-dossier tekniku rilevanti (id-dossier tekniku tal-31 ta' Marzu 2023).

(5) Fit-23 ta' Mejju 2024, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (l-Awtorità) adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-pjanti indikati fl-ewwel talba ([6]) (l-Opinjoni tat-23 ta' Mejju 2024). L-Awtorità identifikat il-*Bemisia tabaci* (popolazzjonijiet Ewropej), il-*Colletotrichum aenigma*, l-*Eulecanium excrescens*, is-*Scirtothrips dorsalis*, it-*Takahashia japonica*, il-virus tar-ringspot tat-tabakk u l-virus tar-ringspot tat-tadam bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju deskritti fid-dossier tekniku tal-31 ta' Marzu 2023 u stmat il-probabbiltà ta' ħelsien tal-pjanti rilevanti minn dawk il-pesti.

(6) Fid-9 ta' Ġunju 2023, ir-Renju Unit issottometta talba lill-Kummissjoni għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni ta' rimjiet bl-għejun/tilqim ta' *Prunus spinosa* ta' mhux aktar minn sena, b'dijametru massimu ta' 12 mm; ta' pjanti għat-tħawwil bl-għeruq mikxufin ta' *Prunus spinosa* ta' mhux aktar minn 7 snin, b'dijametru massimu ta' 40 mm fil-bażi taz-zokk; u ta' pjanti għat-tħawwil f'materjal għat-tkabbir ta' *Prunus spinosa* ta' mhux aktar minn 7 snin, b'dijametru massimu ta' 40 mm fil-bażi taz-zokk ("il-pjanti indikati fit-tieni talba"). Dik it-talba kienet sostnuta mid-dossier tekniku rilevanti (id-dossier tekniku tad-9 ta' Ġunju 2023).

(7) Fid-19 ta' Ġunju 2024, l-Awtorità adottat opinjoni xjentifika dwar il-valutazzjoni tar-riskji tal-pjanti indikati fit-tieni talba ([7]) (l-Opinjoni tad-19 ta' Ġunju 2024). L-Awtorità identifikat il-*Bemisia tabaci* (popolazzjonijiet Ewropej), l-*Eulecanium excrescens* u s-*Scirtothrips dorsalis* bħala pesti rilevanti għal dawk il-pjanti, evalwat il-miżuri ta' mitigazzjoni tar-riskju deskritti fid-dossier u stmat il-probabbiltà ta' ħelsien tal-pjanti rilevanti minn dawk il-pesti.

(8) Abbażi tal-Opinjonijiet tat-23 ta' Mejju 2024 u tad-19 ta' Ġunju 2024, ir-riskju fitosanitarju li jirriżulta mill-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni taż-żewġ pjanti indikati fl-ewwel talba u tal-pjanti indikati fit-tieni talba jitqies li huwa mnaqqas għal livell aċċettabbli, dment li jiġu applikati miżuri xierqa li jindirizzaw ir-riskju tal-pesti relatati ma' dawk il-pjanti.

(9) Għall-pjanti rilevanti indikati fl-ewwel talba, l-Awtorità identifikat il-pesti magħrufa li jintużaw bħala ospitanti jew bħala *Prunus avium*, *Prunus canescens*, *Prunus cerasus* jew bħala *Prunus pseudocerasus*. Peress li r-riskju fitosanitarju mill-introduzzjoni fit-territorju tal-Unjoni ta' siġar kbar u eqdem (ta' 80 mm u 15-il sena) jitqies li jitnaqqas għal livell aċċettabbli bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa, huwa għalhekk iġġustifikat li jiġi konklużż li r-riskju fitosanitarju mill-introduzzjoni tal-pjanti kollha għat-tħawwil ta' *Prunus avium*, *Prunus canescens*, *Prunus cerasus* u *Prunus pseudocerasus*, irrispettivament mid-daqs, mill-età, minn jekk ikunux imlaqqmin jew le, jew minn jekk ikunux bl-għeruq mikxufin jew f'materjal għat-tkabbir, li joriġinaw mir-Renju Unit, jitnaqqas għal livell aċċettabbli bl-applikazzjoni ta' miżuri xierqa.

([5]) F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (Ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, (ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87)) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, ir-referenzi għar-Renju Unit ma jinkludux l-Irlanda ta' Fuq.

([6]) Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2024. Commodity risk assessment of *Prunus avium* plants from United Kingdom. *EFSA Journal*, 22(7), e8836. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8836.

([7]) Il-Bord tal-PLH tal-EFSA (Il-Bord tal-EFSA dwar is-Saħħa tal-Pjanti), 2024. Commodity risk assessment of *Prunus spinosa* plants from United Kingdom. *EFSA Journal*, 22(7), e8893. https://doi.org/10.2903/j.efsa.2024.8893.

(10) Għaldaqstant, il-pjanti għat-tħawwil ta' *Prunus avium*, *Prunus canescens*, *Prunus cerasus* u *Prunus pseudocerasus*, ta' rimjiet bl-għejun/tilqim ta' *Prunus spinosa* ta' mhux aktar minn sena, b'dijametru massimu ta' 12 mm u ta' pjanti mhux imlaqqmin għat-tħawwil ta' *Prunus spinosa* ta' mhux aktar minn 7 snin, b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 40 mm, li joriġinaw mir-Renju Unit ("il-pjanti rilevanti"), jenħtieġ li ma jibqgħux jitqiesu bħala pjanti ta' riskju għoli. Għalhekk, jenħtieġ li jitneħħew mil-lista ta' pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra ta' riskju għoli fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019.

(11) Għaldaqstant, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 jiġi emendat kif xieraq.

(12) Il-miżuri deskritti mir-Renju Unit fid-dossiers tekniċi tal-31 ta' Marzu 2023 u tad-9 ta' Ġunju 2023 huma meqjusa suffiċjenti biex inaqqsu r-riskju li jirriżulta mill-introduzzjoni tal-pjanti rilevanti fit-territorju tal-Unjoni għal livell aċċettabbli. Għalhekk, jenħtieġ li dawk il-miżuri jiġu stabbiliti bħala rekwiżiti fitosanitarji tal-importazzjoni fl-[Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 biex tiġi żgurata l-protezzjoni fitosanitarja tat-territorju tal-Unjoni.

(13) Il-*Bemisia tabaci* (popolazzjonijiet Ewropej) hija elenkata bħala pest tal-kwarantina f'żona protetta fl-Anness III tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072 u s-*Scirtothrips dorsalis* huwa elenkat bħala pest tal-kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II ta' dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni.

(14) Il-virus tar-ringspot tat-tabakk u l-virus tar-ringspot tat-tadam issa huma elenkati bħala pesti rregolati mhux tal-kwarantina fl-Unjoni fl-Anness IV tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072.

(15) It-*Takahashia japonica* għadha mhijiex inkluża fil-lista ta' pesti tal-kwarantina fl-Unjoni fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072. Madankollu, abbażi tal-evidenza pprovduta mill-Istati Membri li tindika li l-impatt ta' dak il-pest fuq il-pjanti ospitanti tiegħu fl-Unjoni mhuwiex sinifikanti, ma huwa meħtieġ l-ebda rekwiżit tal-importazzjoni fir-rigward ta' dak il-pest.

(16) Il-*Colletotrichum aenigma* u l-*Eulecanium excrescens* għadhom mhumiex inklużi fil-lista tal-pesti tal-kwarantina fl-Unjoni. Jeħtieġ li ssir disponibbli valutazzjoni sħiħa tar-riskju tal-pesti, biex jiġi ddeterminat jekk dawk il-pesti jenħtieġx li jiġu elenkati fl-Anness II tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/2072, u jekk bħala konsegwenza l-pjanti rilevanti, flimkien mar-rekwiżiti speċifiċi rilevanti jenħtieġx li jiġu elenkati fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament.

(17) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 jiġi emendat biex jinkludi l-pesti *Colletotrichum aenigma* u *Eulecanium excrescens*, u r-rekwiżiti korrispondenti tagħhom.

(18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-27 ta' Novembru 2024.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/2019, fil-punt 1, fit-tabella, fit-tieni kolonna bit-titolu "Deskrizzjoni", l-entrata għall-"*Prunus* L., hija sostitwita b'dan li ġej:

"*Prunus* L., għajr:

— pjanti għat-tħawwil, mingħajr weraq, inattivi, bl-għeruq mikxufin, ta' *Prunus domestica* mlaqqmin fuq is-salvaġġ ta' *Prunus cerasifera* li joriġinaw mill-Ukrajna;

— biċċiet mingħajr għeruq, mingħajr weraq, inattivi, ta' mhux aktar minn sentejn ta' *Prunus persica* u *Prunus dulcis* li joriġinaw mit-Turkija;

— pjanti għat-tħawwil mingħajr weraq, inattivi, bl-għeruq mikxufin, ta' mhux aktar minn sentejn ta' *Prunus persica, Prunus dulcis, Prunus armeniaca* u *Prunus davidiana*, li joriġinaw mit-Turkija;

— pjanti għat-tħawwil ta' *Prunus avium*, *Prunus canescens*, *Prunus cerasus* u *Prunus pseudocerasus*, li joriġinaw mir-Renju Unit;

— rimjiet bl-għejun/tilqim ta' mhux aktar minn sena ta' *Prunus spinosa* b'dijametru massimu ta' 12 mm li joriġinaw mir-Renju Unit; u

— pjanti mhux imlaqqma għat-tħawwil ta' *Prunus spinosa* ta' mhux aktar minn 7 snin, b'dijametru massimu ta' 40 mm fil-bażi taz-zokk, li joriġinaw mir-Renju Unit."

ANNESS II

Fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2020/1213, fit-tabella, l-entrati li ġejjin jiddaħħlu bejn l-entrata "biċċiet mingħajr għeruq, mingħajr weraq, inattivi ta' mhux aktar minn sentejn ta' *Prunus persica* u *Prunus dulcis*; pjanti għat-tħawwil mingħajr weraq, inattivi, bl-għeruq mikxufin, ta' mhux aktar minn sentejn ta' *Prunus persica, Prunus dulcis, Prunus armeniaca* u *Prunus davidiana*." u l-entrata "pjanti għat-tħawwil ta' mhux aktar minn 15-il sena u b'dijametru massimu fil-bażi taz-zokk ta' 80 mm tal-*Quercus petraea* u tal-*Quercus robur*.":

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi ta' oriġini	Miżuri
"Pjanti għat-tħawwil ta' *Prunus avium, Prunus canescens, Prunus cerasus* u *Prunus pseudocerasus*.	ex 0602 10 90 ex 0602 20 20 ex 0602 20 80 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48	Ir-Renju Unit	(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li: (i) il-pjanti huma ħielsa mill- *Colletotrichum aenigma* u mill-*Eulecanium excrescens*; (ii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fi żminijiet xierqa, mill-bidu tal-aħħar perjodu tat-tkabbir, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-*Colletotrichum aenigma* u mill-*Eulecanium excrescens*; (iii) twaqqfet sistema biex jiġi żgurat li qabel ma jiddaħħlu fis-sit tal-produzzjoni, l-għodod u l-makkinarju jkunu tnaddfu għalkollox mill-ħamrija u minn biċċiet tal-pjanti u ġew diżinfettati biex jinħelsu mill-*Colletotrichum aenigma*; u (iv) immedjatament qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-*Eulecanium excrescens* b'daqs tal-kampjun kbir biżżejjed li jkun jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas livell ta' infestazzjoni ta' 1 % b'livell ta' kunfidenza ta' 99 %; u għal spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-*Colletotrichum aenigma* inkluż il-kampjunar aleatorju u l-ittestjar tal-pjanti; (b) taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu: (i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213"; u (ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati.

Pjanti, prodotti mill-pjanti u oġġetti oħra	Kodiċi NM	Pajjiżi terzi ta' oriġini	Miżuri
Prunus spinosa, — rimjiet bl-għejun/tilqim ta' mhux aktar minn 1 sena b'dijametru massimu ta' 12 mm; — pjanti għat-tħawwil mhux imlaqqma ta' mhux aktar minn 7 snin, b'dijametru massimu ta' 40 mm fil-bażi taz-zokk.	ex 0602 10 90 ex 0602 20 20 ex 0602 20 80 ex 0602 90 45 ex 0602 90 46 ex 0602 90 48	Ir-Renju Unit	(a) Dikjarazzjoni uffiċjali li: (i) il-pjanti huma ħielsa mill-*Eulecanium excrescens*; (ii) waqt spezzjonijiet uffiċjali li saru fi żminijiet xierqa, mill-bidu tal-aħħar perjodu tat-tkabbir, is-sit tal-produzzjoni nstab li hu ħieles mill-*Eulecanium excrescens*; u (iii) eżatt qabel l-esportazzjoni, il-konsenji tal-pjanti saritilhom spezzjoni uffiċjali għall-preżenza tal-*Eulecanium excrescens*, b'daqs tal-kampjun kbir biżżejjed li jkun jippermetti s-sejbien ta' mill-inqas livell ta' infestazzjoni ta' 1 % b'livell ta' kunfidenza ta' 99 %; (b) taħt l-intestatura "Dikjarazzjoni Addizzjonali", iċ-ċertifikati fitosanitarji għal dawk il-pjanti jinkludu: (i) id-dikjarazzjoni li ġejja: "Il-konsenja tikkonforma mar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1213"; u (ii) l-ispeċifikazzjoni tas-siti tal-produzzjoni rreġistrati.".